# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 840/01mm**

**Francis u Rita konjugi Zammit**

**vs**

**Vincent u Maria konjugi Spiteri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u erba' mitt lira Maltin (Lm2400.00) rapprezentanti din is-somma self skond skrittura datata 10 ta' Jannar, 2001 (Dok A).

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-12 ta’ Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.